

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-7 ta' Awwissu 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tallinna Ringkonnakohus – l-Estonja) – Coöperatieve Vereniging SNB-REACT U.A. vs Deepak Mehta

(Kawża C-521/17) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Proprjetà intellettuali u industrijali — Direttiva 2004/48/KE — Artikolu 4 — Locus standi quddiem organu ta' rappreżentazzjoni kollettiva ta' proprjetarji ta' trade marks — Direttiva 2000/31/KE — Artikoli 12 sa 14 — Responsabbiltà ta' fornitur ta' servizzi ta' kiri u ta' reġistrazzjoni ta' indirizzi IP li jippermetti l-użu anonimu ta' ismijiet ta' dominju u ta' siti internet)

(2018/C 352/19)

Lingwa tal-kawża: l-Estonjan

Qorti tar-rinviju

Tallinna Ringkonnakohus

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Coöperatieve Vereniging SNB-REACT U.A.

Konvenut: Deepak Mehta

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 4(c) tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Istati Membri huma obbligati li jirrikonoxxu lil organu ta' rappreżentazzjoni kollettiva ta' proprjetarji ta' trade marks, bħalma huwa dak fil-kawża prinċipali, bħala persuna li għandha l-kwalità sabiex titlob, fisimha stess, l-applikazzjoni ta' rimedji previsti minn din id-direttiva, bl-għan li jiġu protetti d-drittijiet ta' dawn il-proprjetarji, kif ukoll locus standi, fisimha stess, sabiex tiddefendi dawn l-imsemmija drittijiet, bil-kundizzjoni li dan l-organu huwa kkunsidrat, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, bħala persuna li għandha interess dirett li jiġu protetti dawn id-drittijiet u li din il-leġiżlazzjoni tippermettilha locus standi in judicio għal dan l-għan, li hija ħaġa li l-qorti tar-rinviju għandha tivverifika.
- 2) L-Artikoli 12 sa 14 tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku), għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-limiti ta' responsabbiltà previsti minn dawn l-artikoli huma applikabbli għal fornitur ta' servizz ta' kiri u ta' reġistrazzjoni ta' indirizzi IP li jippermetti l-użu ta' ismijiet ta' dominju tal-internet b'mod anonimu, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sakemm dan is-servizz jaqa' taħt waħda mill-kategoriji ta' servizzi msemmija f'dawn l-artikoli u jissodisfa l-kundizzjonijiet rilevanti kollha, sa fejn l-attività ta' tali fornitur tkun ta' natura purament teknika, awtomatika u passiva, li jimplika li huwa la kelli għarfien ta' u lanqas kelli kontroll fuq l-informazzjoni trażmessa jew mażżuna mill-klijenti tiegħu, u fejn huwa ma għandux rwol attiv, billi jippermetti lil dawn tal-aħħar li jottimizzaw l-attività tagħhom ta' bejgħ online, li hija ħaġa li l-qorti tar-rinviju għandha tivverifika.

⁽¹⁾ ĠU C 382, 13.11.2017.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fil-15 ta' Ġunju 2018 – Gennaro Cafaro vs DQ

(Kawża C-396/18)

(2018/C 352/20)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Corte suprema di cassazione